# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 8**

**Rikors numru 53/2020/1 CFS**

**L-Avukat Dottor Richard Bernard bħala mandatarju speċjali tal-assenti Jakub Tomasz Stechly**

**v.**

**Luma Holding Limited (C 79225)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-avukat Richard Bernard bħala mandatarju speċjali ta' Jakub Tomasz Stechly ippreżentat fis-17 ta' Jannar, 2020:

> "I. Illi l-Avukat Dottor Richard Bernard, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 434093(M), gie debitament awtorizzat sabiex jipprezenta l-proceduri odjerni bhala mandatarju specjali tal-attur assenti Jakub Tomasz Stechly, detentur ta' passaport Pollakk bin-

numru EB6408043, bis-sahha ta' prokura specjali tad-9 ta' Settembru 2019 (**DOK: A**);

II. Illi, permezz ta' ftehim, ossija *Agreement on Management and on Provision of Business Consultancy*, tal-1 ta' Jannar 2019 (**DOK: B**) l-attur gie inkarigat mill-kumpannija konvenuta sabiex jippresta s-servizzi professjonali tieghu, u dan versu l-hlas u taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;

III. Illi, effettivament, bis-sahha ta' dan il-ftehim, l-attur ippresta s-servizzi professjonali tieghu kif imwieghed u pattwit, fuq l-inkarigu tal-kumpannija konvenuta, fuq perjodu ta' zmien;

IV. Illi, minkejja dan, il-kumpannija konvenuta naqset milli thallas lill-attur, kif imwieghed u pattwit minnha fuq il-ftehim hawn fuq msemmi, is-somma kumplessiva ta' erbgha u ghoxrin elf hames mija u erbgha Ewro u sitta u tmenin centezmu (€24,504.86) rapprezentanti:

**a)** In kwantu ghas-somma ta' ghoxrin elf mitejn u sittin Ewro u erbgha centezmi (€20,260.04), ekwivalenti ghal circa PLN85,700 *Polish Zloty*, ghas-servizzi professjonali li gew rezi mill-attur matul ix-xhur ta' Marzu u April 2019, liema somma hija dovuta mill-kumpannija konvenuta lill-attur skond klawsola numru hamsa (5) tal-ftehim hawn fuq imsemmi u skond iz-zewg fatturi hawn annessi (**DOK: C**);

**b)** In kwantu ghas-somma ta' elfejn mija u hamsin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€2,150.34), ekwivalenti ghal circa RWF2,210,000 *Rwandese Franc,* ghall-ispejjez tal-iskola ta' ulied l-attur, liema somma hija dovuta mill-kumpannija konvenuta lill-attur skond klawsola numru sitta (6) tal-ftehim hawn fuq imsemmi u skond iz-zewg fatturi hawn annessi (**DOK: D**);

**c)** In kwantu ghas-somma ta' elfejn u erbgha u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€2,094.48) ghal spejjez tal-ivjaggar li gew inkorsi mill-attur, liema somma hija dovuta mill-kumpannija konvenuta lill-attur skond klawsola numru sitta (6) tal-istess ftehim hawn fuq imsemmi u skond il-fattura, ossija l-itinerarju, hawn anness (**DOK: E**);

V. Illi minkejja li l-kumpannija konvenuta giet interpellata sabiex thallas, lill-attur, is-somma kumplessiva hawn fuq imsemmija ta' erbgha u ghoxrin elf hames mija u erbgha Ewro u sitta u tmenin centezmu (€24,504.86) kemm permezz t'ittra legali tal-24 ta' Lulju 2019 (**DOK: F**) u kemm permezz t'ittra ufficjali tal-14 t'Ottubru

2019 (**DOK: G**), l-istess kumpannija kionvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

VI. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant tghid il-kumpannija konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:

I. Tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma kumplessiva ta' erbgha u ghoxrin elf hames mija u erbgha Ewro u sitta u tmenin centezmu (€24,504.86), jew kwalsiasi somma ohra verjuri, rapprezentanti in kwantu ghal ghoxrin elf mitejn u sittin Ewro u erbgha centezmi (€20,260.04), ekwivalenti ghal circa PLN85,700 *Polish Zloty*, ghas-servizzi professjonali li gew rezi mill-attur, in kwantu ghal elfejn mija u hamsin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€2,150.34), ekwivalenti ghal kwantu ghal elfejn u erbgha u disghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€2,094.48) ghal spejjez tal-ivjaggar li gew inkorsi mill-attur, u dan skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-ftehim tal-1 ta' Jannar 2019;

II. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas, lill-attur, is-somma kumplessiva hawn fuq imsemmija ta' erbgha u ghoxrin elf hames mija u erbgha Ewro u sitta u tmenin centezmu (€24,504.86), jew kwalsiasi somma ohra verjuri.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tal-24 ta' Lulju 2019, tal-ittra ufficjali tal-14 t'Ottubru 2019, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet, dekorribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpannija konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Luna Holding Limited, ippreżentata fis-17 ta' Frar, 2020, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Illi din hija risposta għar-rikors tal-Avukat Dottor Richard Bernard (K.I. 434093(M)) bħala mandatarju speċjali tal-assenti Jakub Tomasz Stechly (detentur ta' passaport Pollakk bin-numru EB6408043) ("Stechly") datat 17 ta' Jannar 2020 li permezz tal-istess rikors talab lil Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara lis-soċjetà intimata debitriċi tar-rikorrenti u sabiex tordna wkoll il-ħlas tal-ammont totali ta' erbgħa u għoxrin elf ħames mija u erbgħa Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (EUR24,504.86) għal servizzi legali

allegatament reżi minnu lir-rikorrenti flimkien ma' spejjeż u interessi legali;

2. Illi Stechly u s-soċjetà intimata daħlu f'kuntratt, ossija *Agreement on Management and on Provision of Business Consultancy* datat 1 ta' Jannar 2019 sat-23 ta' April 2019 (il-"Kuntratt");

3. Illi kif iddettaljat fil-klawsola 3 tal-Kuntratt, Stechly kellu, fost affarijiet oħrajn, jipprovdi servizzi maniġerjali u jassisti fil-ġestjoni tan-negozju tas-soċjetà sussidjarja tas-soċjetà intimata, Luna Smelter Ltd, soċjetà inkorporata taħt il-liġijiet tar-Rwanda ("Luna Smelter");

4. Illi Stechly obbliga lilu nnifsu sabiex iwettaq is-servizzi reżi stipulati fil-klawsola 3 tal-Kuntratt bl-aktar mod diliġenti, kunxjenzjuż u b'lealtà għall-interess lejn is-soċjetà intimata u s-soċjetà sussidjarja tagħha Luna Smelter, ħaġa li m'għamilx;

5. Illi r-renumerazzjoni pagabbli lil Stechly kienet soġġetta għat-twettiq tal-obbligi stipulati fil-klawsola 3 tal-Kuntratt;

6. Illi s-servizzi reżi minn Stechly lis-soċjetà intimata ma kinux tal-livell mistenni fl-industrija u barra minn hekk huwa naqas milli jipprovdi numru ta' servizzi kif stipulat fil-klawsola 3 tal-Kuntratt u dan kif ser ikun ippruvat fil-mori tal-proċeduri quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Illi oltre minn dan Stechly preġudika wkoll lis-soċjetà intimata billi ma wettaqx l-obbligi tiegħu bil-livell ta' sengħa u diliġenza mistennija, illi aġixxa barra mill-kompetenza tiegħu u ma wettaqx id-dmirijiet tiegħu li kien inkarigat li jwettaq, u minħabba dawn in-nuqqasijiet is-soċjetà intimata sofriet numru ta' danni. B'hekk, l-ewwel talba tar-rikorrent għal remunerazzjoni għas-servizzi reżi fl-ammont ta' għoxrin elf mitejn u sittin Ewro u erbgħa ċenteżmi (EUR 20,260.04) hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

7. Illi s-soċjetà intimata kienet ripetutament infurmat lil Stechly permezz ta' emails u anke komunikazzjoni verbali dwar dawn l-istess nuqqasijiet fit-twettiq tal-obbligi tiegħu taħt il-Kuntratt, iżda filwaqt li s-soċjetà intimata stidnitu sabiex jindirizza u jirrettifika dawn in-nuqqasijiet, huwa xorta waħda baqa' inadempjenti. Illi b'hekk, is-soċjetà intimata infurmat lir-rikorrent Stechly permezz ta' ittra datata 5 ta' Ġunju 2019 li fid-dawl ta' dawn id-diversi nuqqasijiet taħt il-Kuntratt, ir-remunerazzjoni skont il-fattura magħmula minnu ma kienx dovut. Illi permezz tal-istess ittra, is-soċjetà intimata talbet lill-istess Stechly jirrimborża l-ammonti iffatturati ħażin minnu waqt it-terminu tal-Kuntratt u li ġew saldati bi żball mis- soċjetà intimata, inklużi l-ispejjeż relatati mal-ivvjaġġar li ħallset is-soċjetà intimata għal benefiċċju ta' Stechly;

8. Illi t-tieni talba ai termini tal-klawsola 6 tal-Kuntratt għal ammont ta' elfejn u mija u ħamsin Ewro u erbgħa u tletin ċentenżmu (EUR

2,150.34) b'rabta mal-ħlas ta' spejjeż edukattivi relatati mat-tfal tar-rikorrent hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante huwa naqas milli jonora l-Kuntratt u jwettaq l-obbligi tiegħu;

9. Illi partikolarment, l-ammont allegatament dovut għal spejjeż tal-ivvjaġġar kif dettaljat fit-tielet talba tar-rikorrent hija differenti mis-somma oriġinarjament mitluba permezz tal-ittra tar-rikorrent datata 24 ta' Lulju 2019 (annessa bħala Dok F mar-rikors ġuramentat). Illi oltre minn dan, il-Kuntratt bejn il-partijiet kien wieħed għal perijodu definittiv li skada fit-23 ta' April 2019 (Klawsola 9), filwaqt li r-rikorrent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti rimbors għal biljetti tal-arju li kienu mixtrija wara l-iskadenza tal-Kuntratt, speċifikament fis-7 ta' Ġunju 2019 għal titjiriet fl-20 ta' Ġunju 2019 u fid-19 ta' Awwissu 2019. B'hekk, it-tielet talba tar-rikorrent hija wkoll infondata;

10. Illi minħabba n-nuqqas ta' Stechly li jeżerċita d-dmirijiet professjonali tiegħu skont il-Kuntratt u skont kif meħtieġ mill-istandard tal-industrija, is-soċjetà intimata u s-soċjetà sussidjarja tagħha Luna Smelter ġarrbu dewmien sostanzjali fit-tlestija ta' proġetti relevanti u b'hekk sofrew danni konsiderevoli li għal dawn l-istess danni s-soċjetà intimata qiegħda tirriżerva d-dritt tagħha skont il-liġi;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jkunu jistgħu jitressqu skont il-liġi."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Novembru, 2022, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"i. Tiċħad ir-raba', il-ħames, is-sitt, s-seba', it-tmien u l-għaxar eċċezzjonijiet ta' Luma Holding Limited kemm għaliex din ma seħħilhiex turi li l-attur nomine kiser l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt ta' servizz tal-1 ta' Jannar, 2019, u kif ukoll għaliex hija m'għandha l-ebda setgħa tagħmel tnaqqis mill-ħlas dovut lilu skont l-artikoli 15 u 19 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta;
ii. Tilqa' d-disa' eċċezzjoni ta' Luma Holding Limited għaliex m'hemm l-ebda ħlas dovut lill-attur nomine bħala spejjeż għall-ivvjaġġar; u

iii. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tal-attur nomine iżda sal-ammont ta' €22,410.38 u b'hekk tiddikjara u tikkundanna lil Luma Holding Limited sabiex tħallas lill-attur nomine, is-somma ta' €22,410.38, b'imgħax sempliċi bit-8% fis-sena fuq din is-somma, li jibda għaddej mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali mibgħuta skont l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-14 ta' Ottubru, 2019, jiġifieri mill-21 ta' Ottubru, 2019, sad-data tal-ħlas effettiv;

Fl-aħħar nett, il-qorti qiegħda tordna li l-ispejjeż tal-kawża, magħduda magħhom l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru, 2019 u tal-

mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet, fuq il-kejl tar-rebħ u tat-telf, għandhom jitħallsu hekk: sehem ta' erbgħa minn ħamsa (4/5) minn Luma Holding Limited u sehem ta' wieħed minn ħamsa (1/5) mill-attur nomine, għaliex it-talbiet attriċi ġew milqugħa kollha ħlief fejn intalab ħlas għall-ispejjeż relatati mal-ivvjaġġar."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Fatti

7. Fl-1 ta' Jannar, 2019, Jakub Tomasz Stechly daħal fi ftehim bil-miktub mal-kumpannija konvenuta sabiex iwettqilha numru ta' servizzi fosthom dawk ta' ġestjoni u ta' konsultazzjoni dwar negozju (ara l-ftehim f'paġni 8 sa 22 tal-atti tal-kawża). Dan il-ftehim kellu jibqa' fis-seħħ sat-23 ta' April, 2019. Id-doveri ta' Stechly skont il-kuntratt kienu jinkludu:

a. it-treġija tal-kumpannija u tan-negozju tagħha skont il-prinċipji misjuba fl-artikoli tal-assoċjazzjoni tal-kumpannija, kemm fl-Irwanda u kif ukoll f'pajjiżi oħra;

b. it-twettiq tad-doveri tiegħu bħala membru fuq il-bord tad-diretturi tal-kumpannija;

c. l-organizzazzjoni u s-sorveljanza tal-kisba ta' materja prima skont il-pjan ta' nfiq;

d. it-treġija tad-dipartiment tal-kummerċ u tal-loġistika tal-kumpannija;

e. l-iżvilupp ta' stateġiji u pjan ta' bejgħ, u kif ukoll is-sorveljanza tat-twettiq tagħhom;

f. ir-riċerka dwar is-suq tal-estratt fl-Irwanda;
g. ir-rappurtaġġ dwar l-operazzjoni tal-kumpannija;

h. l-organizzazzjoni tal-proċess ta' produzzjoni;

i. it-treġija tal-finanzi, indukrar ta' effiċjenza minn lat ta' organizzazzjoni u tħejjija ta' pjanijiet ta' strateġija u negozju;

j. koperazzjoni ma' persuni importanti li huma mdaħħla fl-eżekuzzjoni ta' investiment fl-Irwanda; u

k. ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet importanti li jseħħu fil-kumpannija lill-Bord ta' Sorveljanza;

8. Min-naħa l-oħra l-kumpannija konvenuta kellha l-obbligu li tħallas lil Stechly paga kull xahar fl-ammont ta' 42,850 Zloty Pollakki u li tikkopera miegħu sabiex huwa jkun jista' jwettaq dmirijietu skont il-kuntratt. Minbarra dan, il-kumpannija konvenuta obbligat ruħha li tipprovdilu numru ta' benefiċċji addizzjonali, fosthom li: (i) troddlu lura l-ispejjeż li jkun għamel biex hu, martu u ż-żewġ uliedu jivvjaġġaw mill-Irwanda lejn il-pajjiż ta' residenza tagħhom, u dan sa mhux aktar minn vjaġġ wieħed business class u żewġ vjaġġi economy class kull sena; u (ii) tħallas l-edukazzjoni taż-żewġ uliedu f'istituzzjonijiet fl-Irwanda, liema spejjeż ma kellhomx jaqbżu l-15,000 Dollari Amerikani għal kull wild u 30,000 Dollari Amerikani għaż-żewġ ulied flimkien;

9. Fit-23 ta' April, 2019, l-imsemmi kuntratt ġie fi tmiemu skont il-klawsola 9 tiegħu;

10. Stechly baqa' ma tħallasx il-paga u l-benefiċċji li skontu kienu dovuti lilu għax-xhur ta' Marzu u April tas-sena 2019 u għalhekk matul ix-xahar ta' April 2019 huwa bagħat għadd ta' ittri elettroniċi lill-kollegi tiegħu li jaħdmu mal-kumpannija konvenuta sabiex jitħallas dak dovut lilu (ara l-ittri f'paġni 67 u 68 tal-atti tal-kawża);

11. Fit-30 ta' April, 2019, huwa rċieva tweġiba mingħand Aleksandra Cholewa fejn din fissret li l-qadi ta' Stechly f'dawn ix-xhur ta' ħidma tiegħu kienet waħda x'aktarx batuta. Fl-ittra elettronika tagħha hija elenkatlu n-nuqqasijiet tiegħu u rrimarkat li huwa ma kienx wettaq numru ta' xogħlijiet li kienu importanti għall-kumpannija konvenuta. Hija ssoktat tgħid li wara li Stechly jissottometti r-riżultati ta' xogħlu u wara li r-rapporti tiegħu jiġu aċċettati, huwa kien sejjer jitħallas. Madankollu, hija tenniet li din l-ittra ma kinitx tfisser li Stechly kien eżegwixxa l-kuntratt kif meħtieġ u sal-aħħar (ara paġni 65 u 66 tal-atti tal-kawża);

12. Fis-7 ta' Mejju, 2019, Stechly wieġeb lura u staqsa għalfejn huwa qatt ma kien ġie mgħarraf b'dawn l-ilmenti sabiex huwa jkun jista jirreaġixxi għalihom. Tenna li huwa qeda d-doveri tiegħu u li ma kienx jiddubita l-kwalità ta' xogħlu. Huwa kompla jgħid li l-kumpannija konvenuta ma setgħetx twaħħal fih għad-diffikultajiet li kienet ħabbtet wiċċha magħhom fit-twettiq tal-proġetti tagħha. Għalhekk, huwa kien qiegħed jistenna li jirċievi l-ħlas dovut lilu minnufih (ara paġna 64 tal-atti tal-kawża);

13. Għalkemm Stechly bagħat ittra legali lill-kumpannija konvenuta fl-24 ta' Lulju, 2019 (ara paġni 34 u 35 tal-atti tal-kawża) u ittra uffiċjali fl-14 ta' Ottubru, 2019 (ara paġni 36 u 37 tal-atti tal-kawża) sabiex hija tħallsu dak li skontu kien dovut lilu, din baqgħet ma ħallsitux;

14. Madwar tliet xhur wara, jiġifieri fis-17 ta' Jannar, 2020, l-avukat Richard Bernard mbagħad fetaħ din il-kawża f'isem Stechly;

Konsiderazzjonijiet

15. Din hija kawża fejn l-attur nomine qiegħed jippretendi li l-kumpannija konvenuta tħallsu l-paga u l-benefiċċji miżjuda għas-servizzi li wettqilha matul ix-xhur ta' Marzu u April 2019. Barra minn hekk, huwa qiegħed jitlob ukoll li l-kumpannija konvenuta tħallsu l-ispejjeż li huwa nefaq biex huwa u familtu vvjaġġaw mill-Irwanda għal Vjenna f'Ġunju 2020, u minn Vjenna għall-Irwanda f'Awwissu 2020;

16. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-kumpannija konvenuta tiċħad li hija għandha tħallas lil Stechly xi flus. Hija tgħid li Stechly ma wettaqx l-obbligi tiegħu skont il-ftehim tal-1 ta' Jannar, 2019 skont is-sengħa u l-għaqal mistennija minnu, tant li minħabba n-nuqqasijiet tiegħu hija spiċċat biex ġarrbet id-danni. Hija tgħid ukoll li kemm-il darba kienet wissietu dwar dawn in-nuqqasijiet u stidnitu biex jindirizzahom u jsewwihom, iżda kien kollu ta' xejn. Għalhekk, tisħaq li dak mitlub minn Stechly mhuwiex dovut. Hija ttenni wkoll li m'għandha tagħti xejn lil Stechly għall-flejjes li nefaq fl-ivvjaġġar għaliex il-biljetti tal-arju ġew mixtrija minnu wara li l-kuntratt tal-1 ta' Jannar, 2019 ġie fi tmiemu;

17. Il-qorti, wara li ħadet qies tal-provi mressqa miż-żewġ naħat, ma tistax ma tikkummentax dwar kif it-teżi tal-attur hija dijametrikament opposta għal dik imressqa mill-kumpannija konvenuta. Kemm hu hekk, Stechly ingħata eloġju sħiħ minn Krzysztof Zamasz, li kien l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni ta' Luma Smelter Limited (Rwanda), kumpannija sussidjarja tal-kumpannija konvenuta, sakemm kien jaħdem hemm Stechly; iżda mbagħad huwa ġie mmaqdar ferm mid-diretturi tal-kumpannija konvenuta, Aleksandra Cholewa, Krzysztof Matan u Piotr Kryzewski. Minbarra dan, il-partijiet lanqas irnexxielhom jaqblu dwar iċ-ċirkostanzi li fihom ġie ffirmat il-kuntratt tal-1 ta' Jannar, 2019;

18. Min-naħa l-waħda, Stechly jisħaq li huwa kienu ilu jaħdem ma' Luma Smelter Limited (Rwanda) mit-tieni nofs tas-sena 2018, u li lejn l-aħħar ta' Diċembru 2018 huwa kien ġie mgħarraf li minħabba ristrutturar ta' din il-kumpannija ġewwa Malta, kien jeħtieġ li jsir kuntratt ġdid mal-kumpannija konvenuta. Huwa jgħid li dan il-kuntratt dam sa sar, tant li fl-aħħar ta' Jannar 2020 huwa kien ta avviż ta' tliet xhur lill-kumpannija Luma Smelter Limited (Rwanda) li huwa kien sejjer jittermina l-kuntratt li kellu. Madankollu, skont Stechly, f'Marzu 2019 Aleksandra Cholewa kkonvinċietu biex jiffirma l-kuntratt inkwistjoni, liema kuntratt kien applikabbli għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2019 u t-23 ta' April, 2019 sabiex jiġi jaqbel eżatt mal-perijodu tan-notice li Stechly kien ta lill-kumpannija konvenuta;

19. Min-naħa l-oħra, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-kumpannija konvenuta tiċħad li l-impjieg orġinali ta' Stechly kien ġie mitmum bil-kuntratt ġdid li sar fl-1 ta' Jannar, 2019. Mod ieħor, skont il-kumpannija konvenuta, Stechly kien ingħata l-kuntratt ta' konsulenza inkwistjoni filwaqt li l-impjieg orġinali tiegħu baqa' fis-seħħ;

20. Lil hemm minn dan, seħħew kif seħħew l-affarijiet, m'hemmx dubju li fl-1 ta' Jannar, 2019, Stechly ingħata kuntratt ta' servizz mill-kumpannija konvenuta sabiex iwettqilha xogħol ta' ġestjoni u sabiex jagħtiha l-pariri bħala espert. Il-qorti tqis li fil-kamp ċivili, il-piż tal-prova mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil, Appell Inferjuri, 7 ta' Mejju, 2010);

21. Madankollu, fejn ikun hemm verżjonijiet li ma jaqblu f'xejn u li t-tnejn li huma jistgħu jkunu kredibbli, il-prinċipju għandu jkun li tingħata preferenza lit-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara Frank Ġiordimaina Medici et v. William Rizzo et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' April, 2004). Tassew, jekk parti ma twettaqx l-obbligu li tipprova dak li tallega, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati minħabba dan in-nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara Logotenent Kurunell Gustav pro et noe v. Air Supplies & Catering Co Ltd, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' Mejju, 2009);

22. Min-naħa l-oħra, mhux kull kunflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lill-qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew biex tistrieħ fuq il-prinċipju hawn fuq imsemmi. Dan għaliex fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni emmnuta tkun waħda li l-qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara Emanuel Ċiantar v. David Curmi et, Appell Superjuri, 19 ta' Ġunju, 2006);

23. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn, jew li jkunu differenti kważi f'kollox, xogħol il-qorti huwa li tiddetermina liema waħda minn dawn il-verżjonijiet hija l-aktar waħda kredibbli u toqgħod magħha. Huwa biss fejn il-qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun (ara Joseph Galdes v. Victor Micallef, Appell Superjuri, 20 ta' Jannar, 1964; Elmo Insurance Agency Limited noe et v. Carmel Vella Clark, Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2002 u Darren Vella v. Ryan Sciberras, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ta' Lulju, 2021);

24. Għalhekk, fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dan, il-qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni b'ħarsien ta' dawn il-prinċipji li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħadmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwistjoni mressqa quddiemha (ara Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et, Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008);

25. L-argument ewlieni tal-kumpannija konvenuta biex hija ma tħallasx lil Stechly il-paga li huwa qiegħed jgħid li hija dovuta lilu mingħandha u l-ispejjeż tal-edukazzjoni ta' wliedu għax-xhur ta' Marzu u April 2019, huwa li dan naqas mill-obbligi tiegħu miftehma fil-kuntratt ta' servizz tal-1 ta' Jannar, 2019. Fl-affidavit tagħha, Aleksandra

Cholewa, li hija d-direttur tal-investiment tal-kumpannija konvenuta ssemmi għadd ta' nuqqasijiet li kellu Stechly waqt il-qadi tas-servizzi tiegħu. Fosthom issemmi li Stechly: (i) ma wettaqx ix-xogħol marbut mat-*traceability certification* tal-kumpannija konvenuta iżda minflok iddelega dan ix-xogħol lill-impjegati ta' taħtu; (ii) ma ħejja l-ebda dokumentazzjoni għar-reviżjoni tal-kontijiet tal-kumpannija konvenuta li kellha sseħħ f'Awwissu 2019; (iii) ma lestiex il-proċedura ta' reġistrazzjoni tal-kumpannija Luna Smelter Limited (Rwanda) ma' *Better Sourcing Program*, u kif ukoll; (iv) ma ħejjiex u ma wettaqx numru ta' proċeduri li kellha tħaddan il-kumpannija Luna Smelter Limited (Rwanda). Skont Cholewa, Stechly ma ġab l-ebda valur tekniku lill-proġetti tal-kumpannija konvenuta u n-nuqqasijiet tiegħu wasslu biex il-kumpannija konvenuta damet biex laħqet il-miri tagħha;

26. Krzysztof Matan u Piotr Kryzewski, li huma diretturi tal-kumpannija konvenuta, ukoll tennew li Stechly ma wettaqx xogħlu sewwa. Huma saħqu li l-impjegati li kienu jaqgħu taħtu kienu jgergru ħafna dwaru, tant li kienu jiddeskrivuh bħala aggressiv u kienu laqqmuh bħala "Hitler";

27. Għalkemm ix-xiehda hawn fuq imsemmija semmew ħafna nuqqasijiet li kellu Stechly, mill-provi jirriżulta li sakemm kien għadu fis-seħħ il-kuntratt ta' servizz tiegħu datat 1 ta' Jannar, 2019, huma qatt ma għarrfuh b'dawn in-nuqqasijiet. Tassew, il-kumpannija konvenuta ma ressqitx korrispondenza waħda li turi li waqt li kien għadu operattiv il-kuntratt imsemmi, Stechly kien ġie mċanfar dwar ħidmitu jew saħansitra mwissi biex itejjeb il-prestazzjoni tiegħu. Dan ġie kkonfermat mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni Krzysztof Zamasz, li stqarr li ma seta' jiftakar l-ebda sitwazzjoni li fiha kienu saru kummenti negattivi fuq Stechly sakemm dan kien għadu jwettaq xogħol lill-kumpannija konvenuta (ara paġna 85 tal-atti tal-kawża);

28. Kemm hu hekk, skont dak li ġie mressaq bħala prova fl-atti, l-ewwel korrispondenza li ssemmi n-nuqqasijiet ta' Stechly kienet dik ta' Aleksandra Cholewa fit-30 ta' April, 2019, jiġifieri ġimgħa wara li ġie fi tmiemu l-kuntratt ta' servizz ta' Stechly (ara paġna 65 u 66). Li kieku l-kumpannija konvenuta għarrfet lil Stechly bil-miktub dwar in-nuqqasijiet fid-dmirijiet tiegħu waqt li huwa kien għadu għaddej b'xogħlu, f'dik is-sitwazzjoni kien jaqa' fuq Stechly li jagħmel ħiltu sabiex jerġa' jirbaħ lura l-fiduċja tal-kumpannija konvenuta billi jagħmel dak kollu li hija kienet tistenna minnu (ara f'dan is-sens Carmel sive Charles Mercieca v. Simons Farsons Cisk p.l.c., Appell Superjuri, 25 ta' April, 2008). Iżda l-kumpannija konvenuta m'għamlet xejn minn dan u mill-provi joħroġ biċ-ċar li kien biss wara li ntemm il-kuntratt ta' servizz li hija ilmentat dwar il-ħidma ta' Stechly;

29. Meqjus dan, din il-qorti ssibha bil-wisq diffiċli biex temmen kif minkejja li Stechly kellu dawn in-nuqqasijiet kollha, il-kumpannija konvenuta stenniet il-kuntratt ta' servizz jintemm biex għarriftu dwarhom u qatt ma ġibditlu l-attenzjoni biex itejjeb il-prestazzjoni

tiegħu. Tabilħaqq, il-qorti ma tistax tifhem kif Piotr Kryzewksi, li xehed li kien jissorvelja lil Stechly b'mod remot (ara paġna 118 tal-atti tal-kawża), qatt ma kiteb lil Stechly biex iwiddbu dwar il-mod ta' kif huwa kien qiegħed jaħdem;

30. Din il-qorti m'għandhiex dubju li kieku l-attur tassew ma kienx qiegħed iwettaq isservizzi tiegħu skont kif miftiehem fil-kuntratt tal-1 ta' Jannar, 2019, il-kumpannija ma kinitx sejra toqgħod b'idejha fuq żaqqha iżda minflok kienet tieħu l-azzjoni meħtieġa kontrih b'mod immedjat. Fil-fatt, skont il-kuntratt inkwistjoni, hija kellha l-jedd li ġġib fi tmiemu l-kuntratt f'każ li Stechly ma jħarisx l-obbligi msemmija fil-kuntratt jew f'każ li huwa ħa azzjoni li setgħet kienet ta' deni għall-kumpannija konvenuta (ara klawsola 6 tal-kuntratt imsemmi f'paġna 20 tal-atti tal-kawża);

31. Madankollu, minkejja s-suppost nuqqasijiet kollha li hija ssemmi, il-kumpannija konvenuta naqset li tagħmel użu mir-rimedji mogħtija lilha fil-kuntratt tal-1 ta' Jannar, 2019. Għalhekk, il-kumpannija konvenuta ma tistax titwemmen meta tgħid li Stechly ma ħaqqux jitħallas ta' xogħlu, flimkien mal-benefiċċju miżjud tal-ispejjeż tal-edukazzjoni ta' wliedu, għaliex dan ma wettaqx xogħlu sew. Lanqas ġie ppruvat li Stechly ħoloq xi danni lill-kumpannija konvenuta. Fuq kollox, Krzysztof Zamasz, li kellu l-pożizzjoni ferm importanti ta' Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni fil-kumpannija sussidjarja tal-kumpannija konvenuta, ma kellu xejn ħlief kliem ta' tifħir dwar l-attur. Anzi, skont Zamasz, il-prestazzjoni, ġudizzju u deċiżjonijiet ta' Stechly kienu mfaħħra ħafna millBord ta' Sorveljanza tal-kumpannija konvenuta;

32. Jiġi b'hekk, li din il-qorti ma tistax issib li l-konvenuta seħħilha turi li Stechly naqas fl-obbligazzjonijiet tiegħu misjuba fil-kuntratt ta' servizz tal-1 ta' Jannar, 2019;

33. B'żieda ma' dan, il-qorti tqis ukoll li fl-artikolu 2 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, il- "kuntratt ta' servizz", u l-"kuntratt ta' impjieg" għandhom l-istess tifsira (ara Bernard Busuttil v. Onor. Prim Ministru tar-Repubblika ta' Malta et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 7 ta' Lulju, 2021). Issa f'dan il-każ, il-qorti m'għandhiex tagħrif dwar jekk Stechly kienx jimpjega lilu nnifsu (i.e. kienx self-employed), waqt li kienet qiegħed jagħti s-servizzi tiegħu lill-kumpannija konvenuta. Jekk dan huwa l-każ, u f'każ li l-kumpannija konvenuta ma kinitx *prima facie* tqisu bħala impjegat tagħha, xorta waħda għandu jitqies li bejn Stechly u l-kumpannija konvenuta hemm relazzjoni ta' mpjieg għaliex is-servizz li Stechly kien qiegħed iwettaq jissodisfa l-kriterji misjuba fir-regolament 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.108;

34. Ifisser b'hekk, li ladarba l-kuntratt ta' servizz inkwistjoni huwa suġġett għal-liġi Maltija f'materja li dwarha l-kuntratt ma jipprovdi xejn (ara klawsola 10 tal-kuntratt f'paġna 21 tal-atti tal-kawża), għall-istess kuntratt japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta;

35. Skont l-artikolu 15(1) tal-Kap 452, prinċipal ma jistax jagħmel tnaqqis mill-paga u lanqas jagħmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li għandha titħallas mill-prinċipal lill-impjegat, ħlief: (i) meta jkun espressament permess mid-dispożizzjonijiet tal-istess Kapitolu jew ta' xi liġi oħra; (ii) meta jkun ġie ordnat hekk minn qorti; jew (iii) meta dan ikun permess fi ftehim li jkun sar bejn prinċipal jew prinċipali jew għaqda ta' prinċipali min-naħa l-waħda u trade union jew trade unions li jirrappreżentaw l-impjegati nteressati min-naħa l-oħra;

36. Fil-każ tagħna ma jidhirx li ġiet imwettqa xi waħda minn dawn it-tliet kundizzjonijiet, u għalhekk huwa ċar li l-kumpannija konvenuta ma kellhiex is-setgħa li tagħmel tnaqqis mill-paga li kienet dovuta lil Stechly. Minbarra dan, biex prinċipal ikun jista' jagħmel tnaqqis mill-paga tal-impjegat tiegħu: (i) il-kuntratt iffirmat minn dak l-impjegat irid jispeċifika bir-reqqa l-multa jew multi li dan jista' jeħel dwar kull għemil jew ommissjoni; u (ii) l-pattijiet ta' dak il-kuntratt iridu jkunu ġew approvati minn qabel mid-Direttur responsabbli għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (ara l-artikolu 19(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta). Sewwasew, jinsab magħruf fil-ġurisprudenza li mill-paga tal-impjegati ma jista' jsir l-ebda tnaqqis jekk mhux fejn awtorizzat mil-liġi jew bi ftehim mal-istess impjegati (ara Anthony J. Camilleri nomine v. Avukat Dottor Victor Ragonesi et, Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 2001 u Alfred Manġion et v. Dr. Riccardo Farruġia nomine et, Appell Superjuri, 18 ta' Settembru, 2009);

37. Minn qari tal-kuntratt ta' servizz inkwistjoni ma jirriżultax li dan jinkludi fih xi klawsola li tawtorizza t-tnaqqis mill-paga ta' Stechly. Lanqas hemm prova fl-atti li d-Direttur għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali awtorizza xi kundizzjoni bħal din fir-rigward tal-kuntratt ta' servizz li kellu Stechly. Għalhekk, tgħid x'tgħid il-kumpannija konvenuta, anke li kieku stess irriżulta li Stechly tabilħaqq naqas fl-obbligazzjonijiet tiegħu skont il-kuntratt ta' servizz, hija ma kellha l-ebda setgħa li twettaq tnaqqis fil-ħlas li huwa dovut lilu, ladarba ma hemmx iċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikoli 15 u 19 tal-Kap 452 talLiġijiet ta' Malta;

38. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien u l-għaxar eċċezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta qegħdin jiġu miċħuda. Għall-istess raġunijiet il-qorti qiegħda tilqa' t-talbiet tal-attur nomine sabiex huwa jitħallas €20,260.04 bħala l-paga dovuta lilu għax-xhur ta' Marzu u April 2019 u €2,150.34 bħala l-ispejjeż tal-iskola ta' wliedu li għamel matul l-istess xhur. Wara kollox, il-quantum tal-ħlasijiet mitluba mill-attur nomine fl-ebda waqt ma ġew ikkontestati matul is-smigħ ta' din il-kawża;

39. Imiss issa li l-qorti tistħarreġ it-talba tal-attur nomine sabiex il-kumpannija konvenuta tħallas lil Stechly l-ispejjeż li ħareġ biex huwa u familtu vvjaġġaw mill-Irwanda għal Vjenna f'Ġunju 2020, u minn

Vjenna għall-Irwanda f'Awwissu 2020 (ara l-itinerarju f'paġni 27 sa 33 tal-atti tal-kawża);

40. Skont il-klawsola 6 tal-kuntratt ta' servizz inkwistjoni, il-kumpannija konvenuta kienet intrabtet li tħallas lil Stechly l-ispejjeż biex huwa, martu u ż-żewġ uliedu jivvjaġġaw minn Kigali, fl-Irwanda lura lejn il-pajjiż ta' residenza tagħhom. Dan il-ħlas seta' jsir biss għal vjaġġ wieħed ta' business class u żewġ vjaġġi economy class għal kull sena kalendarja;

41. Mal-ewwel daqqa t'għajn, fil-fehma tal-qorti, din il-klawsola, b'mod partikolari r-referenza għas-sena kalendarja, qajla kienet tagħmel sens meta wieħed iqis li t-terminu tal-kuntratt ta' servizz inkwistjoni kien iqsar minn erba' xhur. Sewwasew, il-partijiet kien imisshom qagħdu aktar attenti biex ma jħallux żball bħal dan jaħrabilhom biex b'hekk jevitaw it-taħwid;

42. Lil hemm minn dan, il-qorti tqis li l-partijiet ma jaqblu xejn dwar dak li seħħ bejniethom fir-rigward ta' dawn il-biljetti tal-arju. Min-naħa l-waħda l-kumpannija konvenuta tisħaq li l-biljetti tal-ajru nxtraw minnha qabel it-tmiem tal-kuntratt ta' Stechly iżda baqgħu ma ntużawx minnu, u minħabba f'hekk hija talbet lil Stechly iħallasha tagħhom. Min-naħa l-oħra, Stechly isostni li l-kumpannija konvenuta kienet hedditu li jekk huwa ma jħallashiex lura għall-biljetti tal-arju, hija kienet ser tħassarlu dawn il-biljetti. Skontu, kien għalhekk li huwa xtara l-biljetti tal-arju, għaliex beża' li jmur l-ajruport u jsib li ma kien hemm l-ebda titjira rriżervata f'ismu;

43. Lil hemm minn dan kollu, il-qorti hija tal-fehma li l-klawsola inkwistjoni kellha titħaddem biss dment li l-kuntratt ta' servizz kien għadu fis-seħħ. Issa, l-ammont ta' €2,094.48 li qiegħed jitlob Stechly mingħand il-kumpannija konvenuta jinkludi fih vjaġġ mill-Irwanda għal-Vjenna u vjaġġ ieħor minn Vjenna għall-Irwanda. Il-qorti ttenni minnufih li skont il-klawsola 6 tal-kuntratt, Stechly ma kellu l-ebda jedd li jitlob li jitħallas mill-kumpannija konvenuta għall-vjaġġi li saru minnu u minn familtu biex imorru l-Irwanda għaliex din il-klawsola tkopri biss vjaġġi li jitilqu mill-Irwanda. Minbarra dan, il-qorti tqis ukoll li Stechly ma kellu l-ebda ħtieġa li jerġa' jmur lura l-Irwanda f'Awwissu 2019 għaliex il-kuntratt ta' servizz tiegħu kien ilu li spiċċa minn April 2019 u mill-atti ma jirriżultax li huwa reġa' wettaq xi xogħol ieħor lill-kumpannija konvenuta;

44. Hekk ukoll, il-qorti tqis li l-vjaġġ li bih Stechly u familtu telqu mill-Irwanda seħħ fl-20 ta' Ġunju, 2019, jiġifieri madwar xahrejn wara li spiċċa l-kuntratt ta' servizz. Darba għalhekk li dan il-vjaġġ seħħ ferm wara li ġie fi tmiemu l-kuntratt, il-qorti qiegħda ssib li Stechly ma jistax jitlob li jitħallas lura għal dan il-vjaġġ. Fuq kollox, mill-atti ma jirriżultax li Stechly ġie mitlub li jibqa' fl-Irwanda għal dan it-tul ta' żmien kollu wara li spiċċa l-kuntratt;

45. Għalhekk, f'dan is-sens d-disa' eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta qiegħda tiġi milqugħa għaliex m'hemm xejn dovut lil Stechly fi spejjeż għall-ivvjaġġar. B'hekk il-qorti qiegħda tilqa' t-talbiet tal-attur nomine biss f'dak li għandu x'jaqsam: (i) ma' dak li kien dovut lil Stechly bħala paga għax-xhur ta' Marzu u April 2019; u (ii) mal-ispejjeż tal-iskola ta' wliedu. Dan ifisser li t-talbiet tal-attur nomine qegħdin jiġu milqugħa biss sal-ammont ta' €22,410.38 (€20,260.04 + €2,150.34);

46. Fl-aħħarnett, l-attur nomine talab ukoll li huwa jitħallas l-imgħaxijiet fuq din is-somma mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv. Il-qorti tqis li l-imgħaxijiet jinħadmu b'dan il-mod meta dawn ikunu kummerċjali. Għalhekk, il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk ir-relazzjoni li kienet teżisti bejn il-partijiet kinitx waħda ta' għamla kummerċjali;

47. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li mhux kull min ikun involut f'attività ekonomika jista' jitqies bħala kummerċjant għall-għanijiet tal-artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta). Biex wieħed ikun kummerċjant il-liġi trid li huwa jagħmel, bi professjoni, u b'ismu, atti ta' kummerċ (ara Carmelo Cutajar v. Salvatore Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' Mejju, 1947). Kif jikteb il-Professur J. A. Micallef, f'paġna 32 tan-Noti tiegħu dwar il-Liġi Kummerċjali,

*«In order, therefore that a person may be regarded as a trader, he must devote his services to trade in such a way that it becomes his normal and permanent, though not necessarily his only or his principal occupation.»*

48. Hekk pereżempju servizzi mogħtija minn professjonisti liberali, bħal ngħidu aħna servizzi ta' periti, skarpani u mastrudaxxi, ġeneralment ma jistgħux jitqiesu bħala atti tal-kummerċ. Ir-raġuni hi li kuntratti ta' locatio operis (ara Giuseppe Muscat et v. Joyce Frendo deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 1955) ma jitqisux bħala atti tal-kummerċ iżda jitqiesu bħala atti ċivili. Kemm hu hekk, il-kuntratt ta' kiri ta' xogħol jinsab regolat fil-Kodiċi Ċivili u mhux fil-Kodiċi tal-Kummerċ. Kuntratti mwettqa minn professjonisti liberali jibqgħu dejjem ta' karattru ċivili sakemm il-flus li huma jieħdu ma jiġux investiti f'negozju li jkollu l-karatteristiċi ta' impriża (ara Giuseppe Mizzi v. George Xuereb deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 1964);

49. Illi meqjus dan kollu għall-każ tagħna, mill-ftit provi li jiffurmaw parti mill-atti ta' din il-kawża, din il-qorti ma tistax tikkonkludi bi sħiħ li Stechly huwa kummerċjant għall-għanijiet tal-artikolu 4 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Hekk ukoll, din il-qorti m'għandhiex quddiemha biżżejjed evidenza li turi li s-servizzi ta' treġija u ta' konsulenza mogħtija minn Stechly jistgħu jitqiesu bħala xi att oġġettiv ta' negozju skont l-artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-fatt waħdu li Stechly

kien qiegħed jagħti servizz ta' konsulenza dwar negozju ma jfissirx li huwa fil-fatt kien qiegħed iwettaq negozju. Il-qorti anzi temmen li l-kuntratt li Stechly kellu mal-kumpannija konvenuta huwa wieħed sempliċement ta' kiri ta' xogħol liberali, konsistenti minn servizzi ta' ġestjoni u konsulenza dwar negozju. Dan il-kuntratt fil-ħsieb tal-qorti, jassumi għalhekk karattru ta' xejra ċivili u mhux ta' xejra kummerċjali;

50. Immela fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti sejra tqis ir-relazzjoni ta' bejn l-attur nomine u l-kumpannija konvenuta bħala waħda ta' sura ċivili u mhux ta' sura kummerċjali;

51. Tidħol hawnhekk ir-regola msemmija fl-artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li tgħid, li l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza Iris Dalmas v. Ronnie German et, deċiża fis-16 ta' Marzu, 2005:

*«Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, «una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione» (Kollez. Vol. XVI P I p 84)»;*

52. Issa f'dan il-każ, il-qorti naqqset l-ammont li l-attur *nomine* qiegħed jitlob fir-rikors maħluf tiegħu. Madankollu, dan il-fatt waħdu ma jfissirx li l-imgħaxijiet ma jibdewx jgħaddu fuq is-somma hekk imnaqqsa minn dakinhar tas-sejħa għall-ħlas (ara Fogg Insurance Agencies Limited nomine v. Paul Tabone, Appell Inferjuri, 17 ta' Frar, 2003 u H&C Developments Limited v. Francis Grech et, Appell Superjuri, 25 ta' Jannar, 2013). Dwar dan il-punt ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza George Sladden v. Lonza Aġius deċiża fis-7 ta' Lulju, 2006 li peress li, «*il più comprende il meno*», meta attur jitlob somma determinata, u din titnaqqas mhux b'mod sinjifikanti, id-debitur m'għandux jieħu vantaġġ billi jiġi meħlus mill-ħlas ta' xi mgħax (ara wkoll Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited, Appell Superjuri, 17 ta' Ottubru, 2007, RainbowMix Concrete Limited v. Andrew Scicluna et, Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014 u Albert Mallia v. Albert Camilleri, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru 2014);

53. Minn tfittxija li għamlet din il-qorti fuq is-sistema elettronika tal-qrati, jirriżulta li l-kumpannija konvenuta ġiet notifikata b'ittra uffiċjali mibgħuta skont l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-21 ta' Ottubru, 2019 u għalhekk hija minn din id-data tat-tagħrifa li l-qorti tqis li għandhom jibdew jiġru l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' €22,410.38 (ara inter alia Joseph Pisani et v. David Mamo et, Appell Superjuri tas-27 ta' Settembru, 2019 u George Żammit et v. Alfred Żammit et, Appell Superjuri tal-31 ta' Mejju, 2019)"

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti, sabiex filwaqt li tikkonferma t-tieni kap tas-sentenza appellata fejn ġiet milqugħa d-disa' eċċezzjoni tagħha u ġie ritenut li m'hemm l-ebda ħlas dovut lill-attur *nomine* bħala spejjeż għall-ivvjaġġar, tħassar u tirrevoka l-bqija tas-sentenza appellata, sabiex b'hekk ma jkun dovut xejn u l-ebda ħlas minnha lill-appellat *nomine.* Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-appellat *nomine.*

6. Rat ir-risposta tal-appellat *nomine* li permezz tagħha wieġeb li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess soċjetà konvenuta appellanti.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawża, l-attur *nomine* qiegħed ifittex lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tas-somma ta' €24,504.86 rappreżentanti l-ħlas għas-servizzi professjonali reżi, għall-ispejjeż tal-iskola ta' wliedu u għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, skont il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-ftehim tal-1 ta' Jannar, 2019, kwindi li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallas l-imsemmija somma jew somma oħra verjuri. Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-atti ġudizzjarji ppreżentati fil-konfront tas-soċjetà konvenuta u bl-imgħaxijiet.

10. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta Luma Holding Limited, li permezz tagħha fost affarijiet oħra eċċepiet: (i) li r-remunerazzjoni pagabbli lil Stechly kienet soġġetta għat-twettiq tal-obbligi pattwiti fil-klawsola 3 tal-kuntratt; (ii) li s-servizzi reżi minn Stechly ma kinux tal-livell mistenni fl-industrija, barra li naqas milli jipprovdi numru ta' servizzi kif stipulat fil-kuntratt u inoltre Stechly ppreġudikaha billi ma wettaqx l-obbligi tiegħu bil-livell ta' sengħa u diliġenza mistennija, aġixxa barra mill-kompetenza tiegħu u ma wettaqx id-dmirijiet tiegħu u minħabba dawn in-nuqqasijiet is-soċjetà konvenuta sofriet id-danni; (iii) minkejja li Stechly kien infurmat bin-nuqqasijiet tiegħu, huwa baqa' inadempjenti u għalhekk ir-remunerazzjoni mitluba minnu mhix dovuta; (iv) hekk ukoll it-talba marbuta mal-ħlas tal-ispejjeż edukattivi hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-attur naqas milli jonora l-kuntratt u jwettaq l-obbligi tiegħu; (v) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar mitluba kienu mixtrija wara l-iskadenza

tal-kuntratt u għalhekk it-talba għall-ħlas tagħhom hija wkoll infondata; u (vi) minħabba li Stechly naqas milli jeżerċita d-dmirijiet professjonali skont il-kuntratt, kif meħtieġ fl-i*standards* tal-industrija, is-soċjetà konvenuta u dik sussidjarja tagħha ġarrbu dewmien sostanzjali fit-tlestija tal-proġetti relevanti u b'hekk soffrew danni konsiderevoli li għalihom tirriżerva d-dritt tagħha skont il-liġi.

11. Permezz tas-sentenza tagħha tal-4 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi filwaqt li ċaħdet dawk l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta fejn hija bbażat id-difiża tagħha fuq ix-xilja li l-attur *nomine* kiser l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt ta' servizz tal-1 ta' Jannar, 2019, kif ukoll peress li hija m'għandha l-ebda setgħa li tagħmel tnaqqis mill-ħlas dovut lilu skont l-Artikoli 15 u 19 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta; laqgħet id-disa' eċċezzjoni ta' Luma Holding Limited, għaliex m'hemm l-ebda ħlas dovut lill-attur *nomine* bħala spejjeż tal-ivvjaġġar u laqgħet it-talbiet attriċi limitatament sal-ammont ta' €22,410.38, b'imgħax sempliċi tat-8 % fuq din is-somma, li jibda għaddej mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali, jiġifieri mill-21 ta' Ottubru, 2019, sad-data tal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż tal-kawża, inkluż dawk tal-atti ġudizzjarji jitħallsu in kwantu s-sehem ta' erbgħa minn ħamsa minn Luma Holding Limited u s-sehem ta' wieħed minn ħamsa mill-attur *nomine.*

12. Is-soċjetà konvenuta ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-appell tagħha jissejjes fuq aggravju prinċipali – dak li l-Ewwel Qorti *motu proprio* kkonkludiet li kien hemm rapport ta' impieg bejn il-partijiet skont l-Artikoli 15 u 16 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma saret referenza għalihom waqt is-smigħ tal-kawża quddiemha u mingħajr prova tal-elementi kostituttivi ta' tali rapport bejniethom. Tisħaq li fin-nuqqas ta' rapport ta' impjieg, isegwi li r-rapport ġuridiku bejn il-partijiet m'għandux ikun ieħor ħlief dak stabbilit bil-kuntratt ta' konsulenza tal-1 ta' Jannar, 2019, li taħtu l-appellat kien inadempjenti u għalhekk is-soċjetà konvenuta appellanti ma kellhiex tiġi kkundannata tħallas ebda spejjeż. B'hekk is-soċjetà konvenuta appellanti tikkontendi li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi, tal-fatti u taċ-ċirkostanzi tal-każ u konsegwentement applikazzjoni skorretta ta' prinċipji tad-dritt.

13. Fil-verità, dan l-aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti jinqasam f'numru ta' ilmenti fosthom: (I) dak dwar l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti u (II) dak dwar applikazzjoni ħażina tal-liġi.

14. Għandu raġun l-attur appellat *nomine*, meta fir-risposta tal-appell tiegħu, jgħid li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk mhux għal xi raġuni gravi u impellenti, iżda min-naħa l-oħra, din il-Qorti xorta għandha s-setgħa tikkoreġi kull

apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat, irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Anzi, f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim' Ministru et**). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jeħtieġ li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravji tas-soċjetà konvenuta appellanti.

15. Jibda billi jiġi osservat li, minn qari tal-provi in atti, jirriżulta lil din il-Qorti li tabilħaqq kien hemm kuntratt ta' servizz datat l-1 ta' Jannar, 2019, bejn il-partijiet li kien intitolat "*Agreement on Management and on Provision of Business Consultancy*" (ara Dok. B a fol. 8) li permezz tiegħu, Jakub Stechly ġie ingaġġjat bħala "*Contractor*" fejn huwa kellu jwettaq numru ta' obbligi li skont klawsola 3 tal-kuntratt jingħad li huma "*Subject Matter*". Huwa minnu li l-Qorti hija tenuta li tiddeċiedi l-kawża fuq bażi ta' dak mitlub fir-rikors promotur u dak li jiġi eċċepit mill-parti konvenuta. Inoltre, bħala regola, il-ġudikant ma jistax huwa stess *motu proprio* iqajjem kwistjonijiet li ma jkunux tqanqlu mill-partijiet fil-kawża. Minn eżami tal-atti, ma jirriżultax li xi ħadd mill-partijiet qanqal l-applikabbilità tal-Kap. 452. Madankollu, minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta tassew ċar li, lil hinn mill-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-Kap. 452, l-

Ewwel Qorti analizzat il-kuntratt u l-provi in atti qabel ma waslet għall-konklużjoni li, is-soċjetà konvenuta ma seħħilhiex turi li Stechly kien naqas fl-obbligazzjonijiet tiegħu skont il-kuntratt ta' servizz tal-1 ta' Jannar, 2019 u li għalhekk li l-attur kellu dritt li jitħallas għax-xogħol li wettaq skont l-istess kuntratt bejn il-partijiet.

16. Kwindi kien biss b'mod sussidjarju li l-Ewwel Qorti ekwiparat "kuntratt ta' servizz" ma' "kuntratt ta' impieg" skont l-Artikolu 2 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li kien hemm relazzjoni ta' mpieg bejn il-kontendenti fil-kawża, u li ma jistax isir tnaqqis mill-paga da parti tas-soċjetà konvenuta ġaladarba ma hemmx preżenti xi waħda mill-kundizzjonijiet maħsuba fl-istess liġi, sabiex is-soċjetà konvenuta jkollha s-setgħa li tagħmel it-tnaqqis mill-paga dovuta lil Stechly. Mhuwiex meħtieġ li din il-Qorti tinoltra ruħha fil-kweżit li tqajjem is-soċjetà konvenuta appellanti fl-appell tagħha, jekk is-servizz mogħti minn Stechly jissodisfax il-kriterji tar-regolament 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.108 (u fil-verità din il-Qorti tqis li ma hemmx biżżejjed provi in atti sabiex wieħed jagħmel eżerċizzju f'dan is-sens). Dan peress li, lil hinn minn dan l-eżerċizzju, l-Ewwel Qorti sabet li ma kienx hemm raġunijiet validi skont l-istess kuntratt sabiex is-soċjetà konvenuta ċċaħħad lil Stechly mill-ħlas dovut lilu skont l-istess kuntratt. Din il-konklużjoni ġġib fix-xejn l-ilment tas-soċjetà konvenuta appellanti, peress li dan l-ilment waħdu ma jistax iwassal għat-tħassir tas-sentenza appellata, kif mitlub

mis-soċjetà konvenuta appellanti. F'kull każ, l-Ewwel Qorti ma għamlet xejn ħażin li marret lil hinn minn dak li kien jissejjaħ il-ftehim bħala wieħed ta' konsulenza, u qisitu bħala wieħed ta' kuntratt ta' servizz. Ma hemm xejn kontra l-liġi li arranġament li jissejjaħ "ta' konsulenza" jista', fiċ-ċirkostanzi, jinstab li huwa fil-fatt kuntratt ta' servizz – ara sentenza mogħtija minn din il-Qorti, sede inferjuri, fil-kawża fl-ismijiet **Prof. Edward Mallia vs Università ta' Malta** mogħtija fil-11 ta' Gunju, 2010.

17. Min-naħa l-oħra, l-argument tas-soċjetà konvenuta appellanti li hija kienet irriteniet li l-appellant kien inadempjenti fil-qadi ta' dmirijietu u mhux li kiser l-obbligu taħt il-ftehim, peress li hija kienet eċċepiet li l-appellat ma wettaqx l-obbligi u d-dmirijiet tiegħu li kien inkarigat li jwettaq skont il-kuntratt u li naqas li jeżerċita d-dmirijiet professjonali tiegħu skont il-livell ta' diliġenza mistennija, b'hekk ma kellux dritt għall-ħlas tal-miżata taħt il-ftehim, huwa ritenut pjuttost fieragħ. Dan peress li dan l-argument ma huwa xejn ħlief sofiżmu legali. Meta ġie eċċepit li l-appellat ma wettaqx l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt, jew li l-appellat kien inadempjenti, dawn huma ż-żewġ faċċati tal-istess munita. Ġaladarba d-difiża tas-soċjetà konvenuta hija msejsa fuq inadempjenza kuntrattwali, fis-sens li l-attur appellat naqas li jwettaq l-obbligi tiegħu riżultanti mill-kuntratt u li ma wettaqx id-dmirijiet tiegħu bid-diliġenza mistennija minnu, l-effett konkret ta' dan huwa li, l-attur appellat qiegħed jiġi mixli li ma wettaqx xi ħaġa li

kien obbligat li jwettaq skont il-kuntratt, li ssarraf fi ksur tal-obbligi kuntrattwali. Isegwi li dan l-ilment ma jreġix u ser jiġi miċħud.

18. Inoltre, is-soċjetà konvenuta appellanti tilmenta li minkejja li l-Ewwel Qorti kienet konfrontata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, u li bħala prinċipju għandha tingħata preferenza lit-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret allegazzjoni (f'dan il-każ is-soċjetà konvenuta appellanti) hija xorta kkonkludiet li l-verżjoni tal-appellat kienet aktar kredibbli. Tikkontendi li l-Ewwel Qorti skartat il-provi mressqa minnha, b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet tal-istess appellat in kontroeżami, li jikkonfermaw l-inadempjenza fit-twettiq tad-dmirijiet tal-istess appellat.

19. Huwa minnu li fuq il-kwistjoni tal-kunflitt tal-provi ngħad minn dawn il-Qrati li:

> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

(Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Farrugia v. Rokko Farrugia**, deċiża fil-24 ta' Novembru

1966.) Relevanti wkoll, hija s-sentenza ta’ din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Maria Xuereb et v. Clement Gauci et**, deċiża fl-24 ta' Marzu, 2004, fejn ingħad:

> *“Fil-kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:*
>
> *1. **Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista’ tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra**; u*
>
> *2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.”*

20. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, tabilħaqq mill-provi jirriżulta li fil-każ in eżami kien hemm provi li aktar jikkorroboraw il-verżjoni attriċi milli dik konvenuta: (i) kemm dam fis-seħħ il-kuntratt ta’ servizz ta’ Stechly tal-1 ta’ Jannar, 2019, ma tirriżulta l-ebda korrispondenza fejn xi ħadd mis-soċjetà konvenuta għarrfu b’xi nuqqas dwar il-mod kif kien qiegħed iwettaq xogħlu; (ii) li l-ewwel darba li kien hemm xi korrispondenza li ssemmi xi nuqqasijiet ta’ Stechly, kienet dik ta’ Aleksandra Cholewa Domanagic, tat-30 ta’ April, 2019, jiġifieri ġimgħa wara li ġie fi tmiemu l-kuntratt ta’ servizz in eżami; (iii) tul ix-xhur li Stechly dam jagħti s-servizzi tiegħu lis-soċjetà konvenuta r-rwol tiegħu nbidel b’tali mod li ngħata aktar responsabbiltà billi sar ukoll membru tal-Bord tad-Diretturi, li mhix kompatibbli mal-fatt li wara li ġie fi tmiem il-kuntratt tas-servizz jingħad li l-prestazzjoni ta’ Stechly kienet nieqsa minn dak li kien mistenni minnu u (iv) sa xahar qabel ma ġie fi tmiem il-kuntratt in kwistjoni, l-istess Aleksandra Cholewa Domanagic kienet qegħda fl-14 ta’

Marzu, 2019, (ara fol. 77) tistaqsi jekk l-appellat kienx tħallas ta' xogħlu għall-perjodu bejn Jannar u Frar 2019 – imkien sa dak l-istadju ma jissemmew xi nuqqasijiet da parti tal-istess Stechly. Dawn huma fatti li tabilħaqq jikkorroboraw u jagħmlu aktar kredibbli l-verżjoni ta' Stechly milli dik tas-soċjetà konvenuta. Din il-Qorti, bħal ta' qabilha, issibha diffiċli taċċetta dak li jingħad mis-soċjetà konvenuta, meta l-istess kuntratt kien jagħtiha l-jedd li saħansitra ġġib fi tmiem il-kuntratt ta' servizz in kwistjoni, f'każ li Stechly ma jħarisx l-obbligi kuntrattwali tiegħu (skont klawsola 9 tal-istess kuntratt). Inoltre, minkejja li s-soċjetà konvenuta tisħaq li l-aġir ta' Stechly ikkawżalha d-danni, la ressqet kontrotalba f'dan is-sens u wisq inqas ressqet xi prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni, fatti li wkoll ipoġġu f'dubju dak li jingħad mis-soċjetà konvenuta appellanti.

21. M'hemmx dubju li konsulent li jkun imqabbad sabiex jagħti s-servizzi tiegħu, għandu r-responsabbiltà li jagħti s-servizz tiegħu b'mod sodisfaċenti u li x-xogħol ikun esegwit tajjeb. Madankollu, il-fatt li wara li Stechly spiċċa mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta, kien għall-ewwel darba rinfaċċjat b'lista ta' allegati nuqqasijiet da parti tiegħu fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu, permezz tal-korrispondenza ta' Aleksandra Cholewa Domanagic tat-30 ta' April, 2019 (ara fol. 65) wieġeb permezz ta' korrispondenza tas-7 ta' Mejju, 2019 (ara fol. 64) fejn kien qiegħed jikkontesta u jirribatti l-allegazzjonijiet, billi fost affarijiet oħra staqsa kif ir-responsabbiltajiet ta' membri tal-Bord kienu differenti, jew li fil-kontro-

eżami jispjega li fil-fehma tiegħu riedet issir distinzjoni bejn ir-rwoli differenti, bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala xi ammissjoni ta' inadempjenza da parti ta' Stechly kif tittanta targumenta s-soċjetà konvenuta appellanti.

22. Is-soċjetà konvenuta appellanti tilmenta wkoll mill-fatt, li meta Stechly kien konfrontat bil-korrispondenza ta' Aleksandra Cholewa Domanagic fejn issir referenza għall-allegati nuqqasijiet tiegħu waqt il-kontroeżami wieġeb li: *"I do not believe they are matters of this case",* meta fil-fehma tagħha dan kien punt kruċjali, kunsidrat li hija bbażat id-difiża tagħha fuq il-prinċipju ta' *inadimplenti non est adimplendum.* Hija tisħaq li t-twettiq tad-dmirijiet tal-attur u l-ħlas għas-servizzi mogħtija minnu jitnisslu mill-istess rapport sinallagmatiku u l-inadempjenza tal-attur hija ta' ċertu gravità. Kwindi tikkontesta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tistrieħ fuq il-verżjoni tal-appellat, meta lanqas sar il-kontroeżami ta' numru ta' rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta.

23. Huwa minnu li meta jkun hemm rabta bejn iż-żewġ obbligazzjonijiet imnissla mill-istess rapport sinallagmatiku tista' tingħata l-eċċezzjoni *inadempleti non est adimplendum.* Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-20 ta' Ottubru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Engineering Services Limited et v. Reuters Malta Limited**:

> *"...hu pacifikament akkolt illi tali eccezzjoni "tista' tigi sollevata b'mod generali relativament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi*

> *kollha, u mhux biss fejn il-ligi tipprovdi ghaliha specifikatament, u b'barra minn dan l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke indipendenteent mid-dritt tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju tacitu" – "Carmelo Cremona –vs- Victor Angilieri", Prim'Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 11 ta' Ottubru 1966. L-eccezzjoni hi ghalhekk mahsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra r-riskju ta' l-inadempiment da parte ta' dak haddiehor li mieghu kkuntrattat. F'dan is-sens hi orjentata l-gurisprudenza taghna.*
>
> *Gwida apprezzevoli ghall-insenjamenti kontenuti fiha hi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kummercjali tat-12 ta' Marzu 1965 fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuele Aquilina – vs- Salvatore Aqilina et". Fiha jinghad illi "din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni".*
>
> ***F'dawn id-decizjonijiet appena riferiti jinghad li r-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma li (1) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali tal-fehim; (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (3) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenzi tal-partijiet, cioe li n-nuqqas ta' l-attur, relattivament ghal prestazzjoni li hu jesigi minn ghand il-konvenut, ikun ta' certa gravita."*** (enfasi ta' din il-Qorti)

24. Madankollu, dan huwa l-punt kruċjali, s-soċjetà konvenuta ma rnexxilhiex tikkonvinċi la lill-Ewwel Qorti u lanqas lil din, li kien hemm l-inadempjenza da parti tal-attur fl-eżekuzzjoni tal-obbligi tiegħu skont il-kuntratt bejn il-kontendenti fil-kawża. Minkejja l-allegati nuqqasijiet tal-attur appellat, jibqa' l-fatt li s-soċjetà konvenuta appellanti la lmentat mal-attur waqt id-dekors tal-kuntratt u lanqas ma pproponiet xi azzjoni għall-adempjiment da parti tal-attur mal-obbligi tiegħu, jew addirittura għax-xoljiment tal-ftehim ta' bejniethom. Għall-kuntrarju, is-soċjetà konvenuta appellanti baqgħet għaddejja mingħajr xkiel, anzi saħansitra tat lil Stechly kuntratt ta' konsulenza ta' ftit inqas minn erba' xhur u kien biss fi tmiem

dan il-kuntratt, meta rinfaċċata bit-talba għall-ħlas tas-servizzi mogħtija fl-aħħar xahrejn, li bdiet tilmenta dwar l-allegati nuqqasijiet tal-attur fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu – atteġġjament li qajla jikkonvinċi lill-Qorti li Stechly ma ħaqqux jitħallas ta' xogħlu. Jiġi osservat ukoll li, hekk kif is-soċjetà konvenuta ressqet tliet rappreżentanti tagħha jixhdu dwar l-allegati nuqqasijiet ta' Stechly, senjatament li Aleksandra Cholewa Domanagic, Krzysztof Matan u Piotr Kryzewski dwar l-allegati nuqqasijiet ta' Stechly, li ma sarilhom l-ebda kontroeżami, daqstant ieħor l-attur ressaq bħala xhud tiegħu lil Krzysztof Zamasz, Chief Executive Officer ma' Luna Smelter Limited, fejn faħħar l-operat ta' Stechly, liema xhud ukoll ma sarlu l-ebda kontroeżami da parti tas-soċjetà konvenuta appellanti. Fi kwalunkwe każ, il-konsiderazzjonijiet magħmula f'paragrafu 20 ta' din is-sentenza jibqgħu validi. Lil hinn mix-xhieda in kontroeżami ta' Stechly, is-soċjetà konvenuta appellanti ma rnexxilhiex tipprova l-eċċezzjoni tagħha b'mod sodisfaċenti.

25. L-aħħar punt imqanqal mis-soċjetà konvenuta appellanti fl-appell tagħha huwa dak li jitratta r-rimbors tal-ispejjeż għall-edukazzjoni tat-tfal tal-attur, fejn għal darb'oħra jingħad li dawn il-benefiċċji addizzjonali wkoll ma kinux dovuti ladarba Stechly m'onorax it-termini tal-kuntratt u li l-Ewwel Qorti ma qisetx li l-istess fatturi esebiti minn Stechly inħarġu wara li huwa stess kien ta r-riżenja tiegħu.

26. Għall-istess raġunijiet imfissra qabel, hekk kif l-attur appellat kien jimmerita li jitħallas għal xogħlu skont kif provdut fil-kuntratt ta' servizz, fin-nuqqas ta' provi konvinċenti li jissostanzjaw l-inadempjenza allegata mis-soċjetà konvenuta, daqstant ieħor l-attur appellat kien jimmerita li jitħallas tal-ispejjeż tal-edukazzjoni tat-tfal, hekk kif maħsub fl-istess kuntratt. Inoltre, kuntrarjament għal dak li jingħad mis-soċjetà konvenuta appellanti, il-fatturi għall-iskola tat-tfal (Dok. O a fol. 25 u 26) inħarġu meta l-istess attur appellat kien għadu mpjegat mas-soċjetà konvenuta fil-11 ta' Marzu, 2019. Għalkemm Stechly kien laħaq ressaq l-avviż tar-riżenja, il-benefiċċji dovuti lilu tul il-kuntratt jibqgħu dovuti sakemm baqa' fis-seħħ il-kuntratt, jiġifieri sat-23 ta' April, 2019, inkluż ir-rimbors tal-ispejjeż tal-edukazzjoni tat-tfal. Għalhekk dan l-ilment ukoll ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiddisponi mill-appell tas-soċjetà konvenuta appellanti Luma Holding Limited, billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Novembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ.

Bl-ispejjeż tal-Prim'Istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, mentri l-ispejjeż tal-appell jibqgħu a karigu tas-soċjetà konvenuta appellanti u

peress li dan l-appell jitqies fieragħ, tordna li s-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn, kif jipprovdi l-Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr